MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2003

Numru 712/2003

**Il-Pulizija**

**Spettur Mario Tonna**
**V**

**ADAM CASSANO**
**LUKE SPITERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **ADAM CASSANO** ta' sittax il-sena bin Mario Cassano u Brenda nee Marsh, imwieled l-Ingilterra nhar t-tlettax ta' Frar 1987 u joqghod 4, Swift Flats, Triq Censu Tanti, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 125302L u **LUKE SPITERI** ta' hmistax il-sena bin Mario Borg u Carol nee Spiteri, imwieled Pieta nhar l-hmistax ta' April 1988 u residenti 6, Zephyr Flats, Triq il-Vitorja l-Gzira, detentur tal-karta tal-identita numru 196088M gew imressqa quddiemha akkuzati:

1. Talli fit-tlieta w ghoxrin ta' Awissu 2003, ghall-habta tal-hamsa w nofs t'a filghaxija ikkommettew serq ta' handbag li kien jikkontjeni diversi accessorji ohra mill-post maghruf bhala 'Shingles Beach', Triq Spinola, San Giljan, ghad-dannu ta' Graziella Francalanza minn Tas Sliema u Jonathan Farrugia minn San Giljan, liema serq huwa aggravat bil-valur;

**Lil ADAM CASSANO WAHDU**

a. talli nhar s-sittax ta' Awissu 2003 ghall-habta tal-ghaxra w nofs ta' bil-lejl minn fond kummercjali maghruf bhala 'Sinners in Heaven' sitwat fi Triq San Gorg, Paceville, ikkomnmetta serq ta' te;lefon cellulalri tal-ghamla Nokia, ghad-dannu ta' proprjetarju mhux maghruf, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-hin;
b. talli matul dawn l-ahhar gimghat minn Triq Ross, Paceville, ikkommetta serq ta' telefon cellulari tal-marka Samsung V200 ghad-dannu ta' Sara Parigi mill-Italja;
c. u talli f'dawn il-Gzejjer, matul dawn l-ahhar gimghat laqa ghandu, kien fil-pussess jew xtara jew iccirkol;a jew indahal sabiex jbiegh hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Awissu 2003, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputati u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbhom hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess imputati u cioe dawk tal-imputat Adam Cassano datata tlieta w ghoxrin ta' Awissu 2003 u erbgha w ghoxrin ta' Awissu 2003 esibiti a fol 6 sa 9 tal-atti odjerni u dik tal-imputat Luke Spiteri datata tlieta w ghoxrin ta' Awissu 2003 esibita a fol 10 et seq tal-atti odjerni.

Ikkunsidrat:

Illi dwar il-piena, il-Qorti hasset il-htiega li tinnomina Probation Officer sabiex thejji rapport individwali fuq l-imputati u nhar l-ewwel ta' Ottubru 2003 nnominat lil Miriam Sevasta sabiex thejji pre sentencing inquiry report fuq Adam Cassano filwaqt li nnominat lil Victoria Grech sabiex thejji pre sentencing inquiry report fuq Luke Spteri.

Illi l-Qorti qiset ic-cirkostanzi partikolari ghaz-zewg minuri. Adam Cassano tressaq taht arrest l-Qorti nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Awissu 2003 w inghata l-liberta provizorja dakinhar stess u cioe l-hamsa w ghoxrin ta' Awissu 2003 u fost diversi kundizzjonijiet hemm imsemmija huwa kellu l-hinijiet ta' rinkazar u cioe li jidhol id-dar qabel l-ghaxra ta' bil-lejl u ma johrogx qabel s-sebgha w nofs ta' l-ghada filghodu.

Illi **skond ix-xhieda ta' ommu Brenda Cassano**, jirrizulta li l-imputat dejjem zamm ruhu mal-hinijiet u donnu, fil-fehma taghha, ikkalma. Fl-ewwel xhieda li din Brenda Cassano tat **nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Awissu 2003,** hija spjiegat li binha xtaq jitlaq mid-dar u jmur jghix f'*home* tant li kien telaq mid-dar.

Illi **nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Ottubru 2003, Brenda Cassano regghet xehdet** u spjiegat li minn dakinhar tal-presentata sa dakinhar li xehdet, l-imputat kien biddel hajtu u beda jghaddi aktar hin d-dar u deher kuntent.

Illi s-**Senior Probation Officer Miriam Sevasta xehdet nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Ottubru 2003** fejn spjiegat li Adam Cassano kellu trobbija daqsxejn imqallba. Il-genituri tieghu ilhom legalment separati ghal dawn l-ahhar erbgha snin u l-imputat jghix ma hutu u ma ommu. Is-

separazzjoni halliet effett negattiv fuq l-imputat tant li kuntatt ma missieru m'ghandhux. L-omm ghandha problemi finanzjarji u ghalhekk kellha ssib impjieg. Fil-present, Adam Cassano huwa disokkupat.

Minn ezami tar-rapport esibit minnha fl-atti markat bhala dokument MS u b'mod partikolari mill-fedina penali tieghu, jirizulta li din kienet l-ewwel darba li Adam Cassano kellu x'jaqsam mas-sistema gudizzjarja u ghalhekk fil-fehma taghha, ordni ta' probation hija addatata hafna.

Fil-konfront tal-akkuzat l-iehor **Luke Spiteri**, jirrizulta li l-istorja hija daqsxejn differenti. Huwa **xehed nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Awissu 2003** fejn spjiega li huwa ilu li gie mkecci mid-dar t'ommu minn zmien erbgha xhur qabel il-presentata. Ghamel zmien jghix ghand habiba tieghu izda mbaghad, keccietu u reggha mar d-dar ghal xi jumejn. Wara huwa telaq u beda jew jorqod ghand habib tieghu jew fuq xi bank fit-triq. Mistoqsi x'inhuma l-mezzi finanzjarji tieghu stante li huwa disokkupat u ghandu eta tenera ta' hmistax il-sena, huwa wiegeb li jew jghix minn fuq dar shabu jew xi kultant ommu taghtih fi hames liri maltin. Ommu tidher li ghandha relazzjoni ma ragel iehor u minn dik ir-relazzjoni twieldet tarbija li llum ghandha erbgha snin u minhabba f'hekk huwa jhoss li ma jistax imur lura d-dar t'ommu.

Illi dakinhar tal-presentata, Luke Spiteri kien wkoll inghata l-liberta provizorja bil-kundizzjoni ta' hinijiet ta' rinkazar u cioe li jirrinkaza ruhu mhux aktar tard mill-ghaxra ta' bil-lejl u ma johrogx qabel s-sebgha w nofs ta' l-ghada filghodu u li jiffirma l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra, filwaqt li jirrisjedi fid-dar tal-familja Cassano. Gara pero li huwa hass ruhu intimidat u telaq u ma baqghax jiffirma l-Ghassa tal-Qawra, telaq mid-dar tal-familja Cassano u mar jghix fil-*home* Suriet il-Bniedem bla ma avza lil Ufficjal tal-Probation jew lil Pulizija u ghalhekk il-Prosekuzzjoni ma setghetx tinnotifikah biex jidher il-Qorti u b'hekk wara li sabitu il-Pulizija ghamlet rikors sabiex jitlef il-beneficcju mill-helsien u nhar l-ewwel ta' Ottubru 2003, il-Qorti rrevokat d-digriet taghha fejn kienet akkordatlu l-liberta provizorja w ordnat r-re-arrest tieghu.

Illi **fis-sebgha w ghoxrin ta'Ottubru 2003 il-Probation Officer Victoria Grech ippresentat r-rapport taghha fil-konfront tal-imputat Luke Spiteri** li jinsab esibit fl-atti markat bhala dokument CSH.

Minn ezami ta' dan r-rapport jirrizulta li l-imputat Luke Spiteri kellu trobbija fejn felici fis-sens li huwa trabba minn ommu u sieheb ommu.  Huwa kellu l-impressjoni li missieru kien telaq jahdem l-Awstralja u qatt ma kien gej lura sakemm recentement skopra li missieru kien hawn Malta u fil-fatt ghamel zmien mizmum fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin.  F'dan il-perjodu l-imputat twelditlu *half sister*, u ommu bdiet ssofri minn marda kiefra u kien f'dan il-perjodu li l-imputat tgerfex u beda jghix hajja bla razan.  Illi minn dan il-perjodu 'l quddiem l-imputat m'attendiex aktar skola, ghamel zmien jghix fir-residenza St. Joseph Home sakemm spicca mkecci ghaliex ma qaghdtx ghal kundizzjonijiet li ghamlulu.  Wara ghamel wkoll zmien jghix fir-residenza Suriet il-Bniedem, u gie accettat hemmhekk biss peress li kien taht l-eta, imma minn hawnhekk wkoll gie mkecci ghaliex ma zammx mal-kundizzjonijiet moghtija lilu.

Illi l-imputat Luke Spiteri llum il-gurnata ghalkemm ghandu hmistax il-sena jinsab disokkupat, bla saqaf fejn joqghod u hafna problemi socjali.  Illi l-Probation Officer ghamlet diversi tentattivi sabiex issib residenza ghal imputat Luke Spiteri  pero dan nonostante tali sforzi ma kellhomx success.

Illi xehdet wkoll l-Psikologa Luisa Eminyan li qalet li l-imputat ghandu diversi problemi psikologici u huwa imperattiv li tinhareg *care order* sabiex l-omm tigi svestita mill-*patria potesta* li hi ghandha fuq it-tifel u dan peress li llum il-gurnata hi tilfet kull kontroll fuqu.

Il-Probation officer kienet wkoll tal-fehma li dan l-imputat Luke Spiteri jinghata ordni ta' probation.

Illi l-Prosekuzzjoni naqset li tesibixxi l-fedina penali tal-imputat Luke Spiteri u ghalhekk il-Qorti ghandha tikkonsidrah bhala *first time offender*.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261, 267, 20 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputati ADAM CASSANO u LUKE SPITERI hatja tal-akkuzi kollha kif ammessi minnhom u tordna li jitpoggew taht ordni ta' probation ghal perjodu massimu ta' tlett snin ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjonijiet segwenti.**

**Fil-konfront ta' ADAM CASSANO**

**1. Ghandu, matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett snin, igib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer li ser jigi nominat mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz kull direttivi li l-istess ufficjal jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**

**2. Illi l-imputat probationer ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominat skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa ghandu, jekk l-istess Probation Officer jkun jrid hekk, jircievi zjarat min ghandu fid-dar fejn qed jirrisjedi;**

**3. Illi l-imputat probationer ghandu jghix fir-residenza ta' ommu tul il-perjodu kollu tal-probation u m'ghandux ibiddel l-indirizz tieghu salv jekk mhux bl-approvazzjoni tal-istess Ufficjal tal-Probation;**

**4. Illi l-imputat probationer ghandu jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominat kull sitt xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probationer.**

**Fil-konfront ta' LUKE SPITERI**

**Il-Qorti taghmel l-istess kundizzjonijiet imposti fuq Adam Cassano salv u b'eccezzjoni ghal kundizzjoni numru tlieta [3] fis-sens li tvarjha billi tobbliga lil imputat LUKE SPITERI jghix fir-residenza li jsiblu l-Ufficjal tal-Probation tul l-perjodu kollu ta' tlett snin u jkun jista jbiddel tali indirizz biss bl-approvazzjoni tal-istess ufficjal tal-Probation.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi konsenjata minnufih lil imputati probationers ADAM CASSANO u LUKE SPITERI kif wkoll tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jinnomina Ufficjal tal-Probation idejali ghaz-zewg imputati sabiex ikunu responsabbli ghas-sorveljanza taghhom.**

**Il-Qorti tissolecita lil istess Direttur sabiex jinnomina persuna li jkollha esperjenza dwar kif tittratta maz-zaghzagh.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputati l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huma jonqsu li josservha ai termini tal-artikolu 9(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fuq imsemmi.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------